Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-28 ta' Ġunju 1977

fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' lampi ta' l-ipparkjar ta' vetturi bil-magna

(77/540/KEE)

(ĠU L 220, 29.8.1977, p. 83)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Direttiva tal-Kunsill 87/354/KEE tal-25 ta' Ġunju 1987	L 192	43	11.7.1987
►**M2**	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/16/KE tas-16 ta' Marzu 1999	L 97	33	12.4.1999
►**M3**	Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	709	31.12.2008
►**M4**	Direttiva tal-Kunsill 2013/15/UE tat-13 ta' Mejju 2013	L 158	172	10.6.2013

Emendata minn:

►**A1**	Att ta' Adeżjoni tal-Greċja	L 291	17	19.11.1979
►**A2**	Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall	L 302	23	15.11.1985
►**A3**	Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja	C 241	21	29.8.1994
►**A4**	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

▼B

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-28 ta' Ġunju 1977

fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' lampi ta' l-ipparkjar ta' vetturi bil-magna

(77/540/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (([2]),

Billi, l-kondizzjonijiet tekniċi li għandhom jissodisfaw il-vetturi bil-magna skond il-liġi nazzjonali huma relatati *inter alia* mal-lampi ta' l-ipparkjar;

Billi, dawn il-kondizzjonijiet ivarjaw minn Stat Membru għall-ieħor; billi, għaldaqstant, huwa meħtieġ li l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess kondizzjonijiet, jew bħala żieda jew minflok ir-regoli eżistenti tagħhom, sabiex jippermettu li, b'mod partikolari, il-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-magna u l-karrijiet tagħhom ([3]), tkun introdotta fir-rigward ta' kull tip ta' vettura;

Billi, fid–Direttiva 76/756/KEE ([4]), il-Kunsill stabbilixxa l-kondizzjonijiet komuni għall-istallazzjoni tad-dawl u ta' l-istrumenti li jagħmlu sinjal bid-dawl fuq vetturi bil-magna u karrijiet tagħhom;

Billi, proċedura armonizzata ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent għal-lampi ta' l-ipparkjar tippermetti lil kull Stat Membru li jivverifika l-konformità mal-kondizzjonijiet komuni ta' kostruzzjoni u ta' l-ittestjar u li jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn bis-sejbiet tiegħu billi jibgħat kopja taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent għal kull lampa ta' l-ipparkjar; billi t-tpoġġija ta' marka ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent tal-KEE fuq kull lampa ta' l-ipparkjar manifatturata b'konformità mat-tip approvat twarrab kull bżonn ta' kontroll tekniku ta' dawn il-lampi ta' l-ipparkjar fl-Istati Membri l-oħrajn;

([1]) ĠU C 118, tas-16.5.1977, pġ. 29.
([2]) ĠU C 114, tal-11.5.1977, pġ. 4.
([3]) ĠU L 42, tat-23.2.1970, pġ. 1
([4]) ĠU L 262, tas-27.9.1976, pġ. 1.

▼B

Billi l-approssimazzjoni tal-liġijiet nazzjonali relatati mal-vetturi bil-magna teħtieġ ir-rikonoxximent min-naħa tal-Istati Membri tat-testijiet li jsiru minn kull wieħed minnhom fuq il-bażi tal-kondizzjonijiet komuni,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA

Artikolu 1

▼M2

1. Kull Stat Membru għandu jagħti approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent għal kwalunkwe tip ta' fanal ta' l-ipparkjar li jissoddisfa l-ħtiġiet tal-kostruzzjoni u ta' l-ittestjar stabbiliti fl-Annessi relevanti.

▼B

2. Kull Stat Membru li jagħti l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent tal-KEE għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jivverifika li l-mudelli tal-produzzjoni jkunu konformi mat-tip approvat, sakemm dan ikun meħtieġ u jekk ikun hemm bżonn b'koperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri. Tali verifika għandha tkun limitata għal *'spot checks'*.

Artikolu 2

▼M2

L-Istati Membri għandhom, għal kull tip ta' fanal ta' l-ipparkjar li huma japprovaw skond l-Artikolu 1, joħorġu lill-manifattur marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent konformi mal-mudell muri f'L-Anness 1, Appendiċi 3.

▼B

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jimpedixxu l-użu ta' marki li għandhom ċans joħolqu konfużjoni bejn lampi ta' l-ipparkjar li jkollom l-appovazzjoni tat-tip skond l-Artikolu 1 u strumenti oħrajn.

Artikolu 3

1. L-ebda Stat Membru ma jista' jipprojbixxi t-tpoġġija fis-suq ta' lampi ta' l-ipparkjar fuq raġunijiet relatati mal-kostruzzjoni tagħhom jew mal-metodu ta' kif jaħdmu, jekk dawn ikollhom il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent tal-KEE

2. B'dana kollu, Stat Membru jista' jipprojbixxi t-tpoġġija fis-suq ta' lampi ta' l-ipparkjar li għandhom il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent tal-KEE li jonqsu milli jkunu konformi mat-tip approvat. Dan l-Istat għandu jinforma minnufih lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda, u jispeċifika r-raġunijiet tad-deċiżjoni tiegħu.

▼M2

Artikolu 4

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinformaw lil xulxin, permezz tal-proċeduri speċifikati fl-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 70/156/KEE, b' kull approvazzjoni li huma taw, rrifjutaw jew irtiraw skond din id-Direttiva.

▼B

Artikolu 5

1. Jekk l-Istat Membru li jkun ħareġ l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent tal-KEE jiskopri li numru ta' lampi ta' l-ipparkjar li jkollhom l-istess marka ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent tal-KEE m'humiex konformi mat-tip li hu jkun approva, għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jassigura li l-mudelli ta' produzzjoni jkunu konformi mat-tip approvat. L-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat għandhom javżaw lil dawk ta' l-Istati Membri l-oħrajn bil-miżuri meħuda li jistgħu, fejn ikun hemm nuqqas konsistenti ta' konformità, jestendu għar-rifjut ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent tal-KEE. L-awtoritajiet imsemmija għandhom jieħdu l-istess miżuri jekk ikunu infurmati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor b'dan in-nuqqas ta' konformità.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, għandhom jinfurmaw wieħed lill-ieħor fi żmien ta' xahar b'kull irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent tal-KEE u bir-raġunijiet ta' miżura bħal din.

Artikolu 6

Kull deċiżjoni meħuda skond id-disposizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, li tirrifjuta jew tirtira approvazzjoni tat-tip ta' komponent tal-KEE għal-lampa ta' l-ipparkjar jew li tipprojbixxi t-tpoġġija tagħha fis-suq jew l-użu tagħha, għandha tispeċifika fid-dettal ir-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata. Deċiżjonijiet bħal dawn, għandhom jiġu nnotifikati lill-parti kkonċernata, li għandha fl-istess ħin tkun infurmata bir-rimedji ġudizzjarji li huma disponibbli għaliha skond il-liġi fis-seħħ fl-Istat Membru kkonċernat u fuq il-limiti ta' żmien permessibbli għall-eżerċizzju ta' dawn ir-rimedji.

Artikolu 7

L-ebda Stat Membru m'għandu jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' vettura fuq raġunijiet relatati mal-lampi ta' l-ipparkjar tagħha jekk dawn ikollhom il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent tal-KEE u jekk din tkun imwaħħla skond il-kondizzjonjiet stabbiliti fid-Direttiva 76/756/KEE.

Artikolu 8

L-ebda Stat Membru m'għandu jirrifjuta jew jipprojbixxi l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, jew il-bidu ta' l-użu ta' vettura li tkun fuq raġunijiet relatati mal-lampi ta' l-ipparkjar tagħha jekk dawn ikollhom il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent tal-KEE u jekk dawn ikunu mwaħħla skond il-kondizzjonjiet stabbiliti fid-Direttiva 76/756/KEE.

▼M2

Artikolu 9

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, "vettura" tfisser kull vettura bil-mutur maħsuba għall-użu fit-triq, bil-karozzerija jew mingħajrha, li għandha mill-inqas erba' roti u veloċità massima ddisinjata li taqbeż il-25km fis-siegħa u l-karrijiet tagħha, bl-eċċezzjoni ta' vetturi li jimxu fuq il-linji u tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija u kull makkinarju mobbli.

▼B

Artikolu 10

Kull emenda meħtieġa għall-aġġustament tal-kondizzjonijiet ta' l-Annessi sabiex ikun ikkunsidrat il-progress tekniku, għandha tkun adottata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE.

Artikolu 11

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-disposizzjonijiet meħtieġa sabiex dawn ikunu konformi ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar min-notifika tagħha u għandhom jinfurmaw minnufih b'dan lill-Kummissjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-testi tad-disposizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni.

Artikolu 12

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼**M2**

LISTA TA' L-ANNESSI

L-ANNESS I:	Dispożizzjonijiet amministrattivi ghal approvazzjoni tat-tip	
	Appendici 1:	Dokument ta' informazzjoni
	Appendici 2:	Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip
	Appendici 3:	Mudelli tal- marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent
L-ANNESS II:	Ħtiġiet tekniċi	

▼M2

L-ANNESS I

DISPOSIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI GĦAL APPROVAZZJONI TAT-TIP

1. APPLIKAZZJONI GĦAL APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPONENT

1.1. — L-applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE għal tip ta' fanalta' l-ipparkjar għandha tiġi sottomessa mill-manifattur.

1.2. Mudell għad-dokument ta' informazzjoni hu mogħti f'Appendiċi I.

1.3. Dan li ġej għandu jiġi sottomess lis-servizz tekniku responsabbli biex iwettaq it-testijiet ta' approvazzjoni tat-tip;

1.3.1. Żewġ kampjuni, armati bil-fanal jew fanali rakkomandati; jekk il-fanali ta' l-ipparkjar huma tali li jistgħu jiġu mwaħħla biss fuq naħa waħda tal-vettura, iż-żewġ kampjuni sottomessi jistgħu jkunu identiċi u jkunu tajba għat-twaħħil biss fuq il-lemin jew fuq ix-xellug tal-vettura.

2. MARKI

2.1. IL-mezz sottomess għal approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent għandu jkollu:

2.1.1. l-isem kummerċjali jew *trade mark* tal-manifattur;

2.1.2. fil-kaz ta' fanali b'sorsi tad-dawl li jinbidlu; it-tip(i) ta' bozoz tal-filament preskritti;

2.1.3. fil-kaz ta' fanali b'sorsi tad-dawl li ma jinbidlux; il-vultaġġ jew wattage nominali,

2.2. Dawn il-marki għandhom jkunu jinqraw sew u ma jitħassrux u għandhom jiġu mwaħħla mal-wiċċ illuminati, jew fuq wieħed mill-uċuħ illuminati, tal-mezz. Huma għandhom jidhru minn barra meta l-mezz jiġi mwaħħal mal-vettura.

2.3. Kull mezz għandu jkollu biżżejjed spazju għall-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent. Dan l-ispazju għandu jiġi ndikat fuq it-tpinġijiet imsemmija f'Appendiċi I.

3. GĦOTI TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPONENT

3.1. Jekk il-ħtiġiet relevanti huma sodisfatti, approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Arikolu 4(3) u, jekk applikabbli, Arikolu 4(4) tad-Direttiva 70/156/KEEC għandha tiġi mogħtija.

3.2. Mudell għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE hu mogħti f'Appendiċi 2.

3.3. Numru ta' approvazzjoni skond l-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE għandhu jiġi mogħti għal kull tip ta' fanal ta' l-ipparkjar approvat. L-istess Stat Membru ma għandux jagħti l-istess numru lil tip ieħor ta' fanal ta' l-ipparkjar.

3.4. Fejn approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent tiġi mitluba għal tip ta' mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li jinkludi fanalta' l-ipparkjar u fanali oħra, numru wieħed ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent jista' jiġi mogħti basta li l-fanalta' l-ipparkjar jikkonforma mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva u li kull wieħed mill-fanali l-oħra li jagħmlu parti mill-mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li għalih approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent tkun ġiet mitluba jikkonforma mad-Direttiva separata li tapplika għalih.

4. MARKA TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPONENT

4.1. B'żieda mal-marki msemmija fil-punt 2.1., kull fanalta' l-ipparkjar li jikkonforma mat-tip approvat skond din id-Direttiva għandu jkollu marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent.

▼M2

4.2. Din il-marka għandha tikkonsisti minn:

4.2.1. rettangolu li jdawwar l-ittra e segwita b'numru jew ittri distintivi ta' l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip:

1 għall-Ġermanja

2 għal Franza

3 għall-Italja

4 għall-Olanda

5 għall–Isvezżja

6 għall-Belġju

▼A4

7 għall-Ungerija

8 għar-Repubblika Ċeka

▼M2

9 għal Spanja

11 għar-Renju Unit

12 għall-Awstrija

13 għall-Lussemburġu

17 għall-Finlandja

18 għad-Danimarka

▼M3

19 għar-Rumanija

▼A4

20 għall-Polonja

▼M2

21 għall-Portugall

23 għall-Greċja

▼M4

25 għall-Kroazja

▼A4

26 għas-Slovenja

27 għas-Slovakkja

29 għall-Estonja

32 għal-Latvja

▼M3

34 għall-Bulgarija

▼A4

36 għal-Litwanja

CY għal Ċipru

▼M2

IRL għall-Irlanda

▼A4

MT għal Malta;

▼M2

4.2.2. viċin tar-rettangolu "in-numru bażi ta' approvazzjoni" li jinsab fis-sezzjoni 4 tan-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip imsemmi f'L-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE, preċedut biż-żewġ figuri li jindikaw in-numru ta' sekwenza mogħti lill-akbar emenda teknika riċenti għad-Direttiva 77/540/KEE fid-data li l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ġiet mogħtija. F'din id-Direttiva in-numru ta' sekwenza huwa 00;

4.2.3. meta fanal jarmi dawl ta' kulur ambru lejn il-quddiem u lura, il-fanal għandu jiġi mmarkat bi vleġġa li tindika l-orjentazzjoni tiegħu, bil-vleġġa turi lejn il-quddiem tal-vettura.

4.3. Il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent għandha tiġi mwaħħla fuq il-lenti tal-fanal jew fuq waħda mill-lentijiet b'tali mod illi ma titħassarx u tkun tinqara b'mod ċar anke meta l-fanali jiġu mwaħħla mal-vettura.

4.4. Eżempju tal-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent hu mogħti f'Appendiċi 3.

4.5. Fejn numru wieħed ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent jinħareġ, skond il-punt 3.4 hawn fuq, għal tip ta' mezz ta' dawl u mezz ta' sinjalazzjoni bid-dawl li jinkludi fanal ta' l-ipparkjar u fanali oħra, marka waħda ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent tista' tiġi mwaħħla, li tikkonsisti minn:

4.5.1. rettangolu mdawwar ma'l-ittra "e" segwita bin-numru jew ittri distintivi ta' l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip (ara punt 4.2.1.);

4.5.2. in-numru bażi ta' approvazzjoni (ara punt 4.2.2. l-ewwel nofs-sentenza);

4.5.3. jekk żneċessarju, il-vleġġa meħtieġa, safejn tirrigwarda l-assemblaġġ tal-fanal sħiħ.

4.6. Din il-marka tista' tiġi mqegħda kullimkien fuq il-fanali li huma raggruppati, kombinati jew reċiprokament inkorporati, basta li:

4.6.1. tkun tidher wara li l-fanali jiġu mwaħħla;

4.6.2. l-ebda komponenti li jittrassmettu d-dawl tal-fanali raggruppati,, kombinati jew reċiprokament inkorporati ma jistgħu jitneħħew mingħajr ma fl-istess ħin titneħħa l-marka ta' approvazzjoni.

4.7. Is-simbolu ta' identifikazzjoni għal kull fanal li tikkorrespondi ma' kull Direttiva li skond tagħha l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent ġiet mogħtija, flimkien man-numru ta' sekwenza (ara punt 4.2.2, it-tieni nofs-sentenza) u, fejn neċessarju, l-ittra "D" u l-vleġġa meħtieġa għandhom jiġu mmarkati:

4.7.1. jew fuq il-wiċċ xieraq jitfa' d-dawl;

4.7.2. jew fi grupp, b'tali mod illi kull wieħed mill-fanali raggruppati, kombinati jew reċiprokament inkorporati jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar.

4.8. Il-dimensjonijiet tal-komponenti ta' din il-marka ma għandhomx ikunu anqas mid-dimensjonijiet minimi speċifikati għal marki individwali mid-diversi Direttiva li skond tagħhom l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent ġiet mogħtija.

5. MODIFIKI TAT-TIP U EMENDI GĦALL-APPROVAZZJONIJIET

5.1. Fil-każ ta' modifiki tat-tip approvat skond din id-Direttiva, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 70/156/KEE għandhom japplikaw.

▼**M2**

6. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

6.1. Bħala regola ġenerali, miżuri li jassiguraw il-konformità tal-produzzjoni għandhom jiġu meħuda skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE.

6.2. Kull fanal ta' l-ipparkjar għandu jikkonforma mal-kondizzjonijiet speċifikati f'din id-Direttiva. Madanakollu, fil-każ ta' fanal ta' l-ipparkjar magħżul saltwarjament minn serje ta' produzzjoni, il-ħtiġiet għall-intensita' minima tad-dawl mitfugħ (imkejjel b'bozza tal-filament standard kif imsemmi fil-paragrafu 8 ([1]) għandhom jiġu limitati f'kull direzzjoni relevanti għal 80 % tal-valuri minimi speċifikati fil-paragrafi 7.1 u 7.2 ([1]). Taħt l-istess kondizzjonijiet, il-valuri massimi preskritti jistgħu jiġu ssuperati b'20 %.

([1]) Mid-dokumenti msemmija fil-punt 1 ta' l-Anness II ma' din id-Direttiva.

▼**M2**

Appendiċi I

Dokument ta' informazzjoni Nru …

rigward l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponenti ta' fanali ta' l-ipparkjar

(Id-Direttiva 77/540/KEE, kif l-aħħar emendata mid-Direttiva.../…/KE)

L-informazzjoni li ġejja, jekk tkun applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinji għandhom jingħataw fi skala adatta u f'dettal suffiċjenti fuq karti ta' qies A4 jew ġo folder ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettal suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew il-unitajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0. GENERALI

0.1. Ghamla (isem kummerċjali tal-manifattur): .....

0.2. Tip: .....

0.5. Isem u indirizz tal-manifattur: .....

0.7. Fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE: .....

0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ .....

1. DESKRIZZJONI TAL-MEZZ

1.1. Tip ta'mezz: .....

1.1.1. Funzjoni(jiet) tal-mezz: .....

1.1.2. Kategorija jew klassi tal-mezz: .....

1.1.3. Kulur tad-dawl mitfugħ jew rifless: .....

1.2. Tpinġija(jiet) f'dettal sufficjenti li tippermetti l-identifikazzjoni tat-tip tal-mezz u li turi:

1.2.1. f'liema pożizzjoni ġeometrika l-mezz ghandu jkun imwaħħal fuq il-vettura (ma japplikax ghal fanali tal-pjanċa ta' registrazzjoni ta' wara): .....

1.2.2. l-assi ta' osservazzjoni li ghandhom jittiehdu bhala l-assi ta' referenza fit-testijiet (angolu orizontali H = 0°, angolu vertikali V = 0°) u l-punt li ghandu jittiehed bhala c-centru ta'referenza fl-imsemmija testijiet (ma japplikax ghal mezzi retro-rifletturi u għal fanali tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara): .....

1.2.3. il-pożizzjoni intiża ghall-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent: .....

1.2.4. ghall-fanali tal-pjanċa tar-registrazzjoni ta' wara, il-pożizzjoni geometrika fejn il-mezz ghandu jiġi nstallat skond l-ispazju li ghandu jkun okkupat mil-pjanċa ta' registrazzjoni, u l-kontorn taż-żona mdawla kif xieraq:
.....

1.2.5. ghal headlamps u fanali ghac-cpar ta' quddiem, veduta minn quddiem tal-fanali bid-dettalji tar-ribbing tal-lentijiet, jekk hemm, u l-cross-section: .....

1.3. Deskrizzjoni teknika qasira fejn jinghad, partikolarment, bl-eccezzjoni ta' fanali b' sorsi ta' dawl li ma jinbidlux, il-kategorija jew kategoriji tas-sorsi tad-dawl preskritti li ghandu jkun wiehed jew aktar minn dawk msemmija fid-Direttiva 76/761/KEE (ma japplikax ghal mezz retro-riflettur):
.....

▼**M2**

1.4. Informazzjoni specifika

1.4.1. Ghal fanali tal-pjanċa tar-registrazzjoni ta' wara, stqarrija jekk il-mezz hux intenzjonat li jdawwal pjanċa wiesgha/twila/kemm wiesgha u kemm twila: .....

1.4.2. Ghall-headlamps,

1.4.2.1. informazzjoni jekk il-headlamp hix intenzjonata li tipprovdi kemm ragg dipped u ragg ewlieni jew wieħed minn dawk ir-raġġi biss: .....

1.4.2.2. informazzjoni fil-każ li l-headlamp huwa intenzjonat li jipprovdi ragg dipped, jekk huwa ddisinjat ghal traffiku fuq ix-xellug kif ukoll fuq il-lemin jew ghal traffiku fuq ix-xellug jew il-lemin biss: .....

1.4.2.3. jekk il-headlamp huwa mgħammar b'riflettur aġġustabli, indikazzjoni tal-pożizzjoni(jiet) ta't-twaħħil tal-headlamp f'relazzjoni ma' l-art u l-pjan medjan longitudinali tal-vettura, jekk il-headlamp hu għall-użu f'dik (dawk) il-pożizzjoni(ijiet) biss: .....

1.4.3. Ghal fanali ta' pożizzjoni, fanali tal-waqfien u indikaturi tad-direzzjoni:

1.4.3.1. jekk il-mezz jista' jintuża wkoll f'assemblaġġ ta' żewg fanali ta' l-istess kategorija: .....

1.4.3.2. fil-każ ta' mezz b'żewg livelli ta' intensitá (fanali tal-waqfien u indikaturi tad-direzzjoni ta' kategorija 2b), diagramm ta' l-arranġament u specifikazzjoni tal-karatteristici tas-sistema li tassigura ż-żewg livelli ta' intensitá: .....

1.4.4. Ghal mezzi retro-rifletturi, deskrizzjoni qasira li taghti l-ispecifikazzjonijiet tekniċi tal-materjal tal-unitá ottika retro-riflettur: .....

1.4.5. Ghal fanali tar-rivers, stqarrija jekk il-mezz hux intenzjonat li jkun mwahhal fuq vettura esklussivament f'par ta' mezzi: .....

▼**M2**

Appendiċi 2

Mudell

(format massimu: A4 (210 x 297 mm))

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

Timbru ta' l-amministrazzjoni

Komunikazzjoni li tikkonċerna l-:

— l-approvazzjoni tat-tip (1)

— estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip (1),

— ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip (1),

— il-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip (1)

ta' tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata (1) fir-rigward tad-Direttiva.../.../KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva.../.../KE)

Numru ta' approvazzjoni tat-tip: .....

Raguni għall-estensjoni: .....

Sezzjoni 1

0.1. Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur): .....

0.2. Tip: .....

0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip jekk huwa mmarkat fuq il-vettura/komponent/unitá teknika separata (1) (2): .....

0.31. Il-lok ta' dak l-immarkar: .....

0.4. Kategorija tal-vettura (1) (3): .....

0.5. Isem u indirizz tal-mainfattur: .....

0.7. Fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE: .....

0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ: .....

SEZZJONI II

1. Informazzjoni addizzjonali (fejn applikabbli): Ara l-Addendum

2. Servizz tekniku responsabbli għat-twettieq tat-testijiet: .....

3. Data tar-rapport tat-test: .....

4. Numru tar-rapport tat-test: .....

5. Rimarki (jekk hemm): Ara Addendum

6. Post: .....

▼M2

7. Data: .....

8. Firma: .....

9. L-indiċi ghall-pakkett ta' l-informazzjoni ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa mehmuż.

(1) Ħassar fejn ma japplikax.

(2) Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex relevanti ghad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti b'dan iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri bhal dawn ghandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: (e.g. ABC??123??).

(3) Kif definit fl-Anness II A tad-Direttiva 70/156/KEE.

Addendum ghac-certifikat ta'approvazzjoni tat-tip tal-KE Nru….

li jikkoncerna l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent ta' mezz ta' dawl u/jew ta' sinjalazzjoni bid-dawl fir-rigward tad-Direttiva(i) 76/757/KEE; 76/758/KEE; 76/759/KEE; 76/760/KEE; 76/761/KEE; 76/762/KEE; 77/538/KEE; 77/539/KEE u 77/540/KEE (1) kif l-ahhar emendat(i) mid-Direttiva(i)

1. **Informazzjoni addizzjonali**

1.1. Fejn applikabbli, indika ghal kull fanal

1.1.1. Il-kategotija(i) tal-mezz(i): .....

1.1.2. In-numru u kategorija tas-sorsi tad-dawl (ma' japplikax ghal retro-riflettur (2): .....

1.1.3. Il-kulur tad-dawl mitfugh jew rifless: .....

1.1.4. Approvazzjoni moghtija biss ghall-użu bhala parti ta' tibdil fuq vettura diga fis-servizz: Iva/Le (1)

1.2. Informazzjoni specifika ghal certu tipi ta' mezz ta dawl jew ta' sinjalazzjoni bid-dawl

1.2.1. Ghal mezzi retro-rifletturi: F'isolazzjoni/parti minn assemblaġġ ta' mezzi (1)

1.2.2. Ghall-fanali tal-pjanċa tar-registrazzjoni ta' wara: Mezz biex iddawwal pjanċa twila/wiesa (1)

1.2.3. Ghall-headlamps: jekk mgħammra b'riflettur aġġustabbli, il-pożizzjoni(jiet) ta' twaħħil tal-headlamp f'relazzjoni ma' l-art u l-pjan medjan longitudinali tal-vettura, jekk il-headlamp hu f'dik (dawk) il-pożizzjoni(ijiet) biss: .....

1.2.4. Ghall-fanali tar-rivers: dan il-mezz ghandu jkun mwahhal fuq vettura bhala parti min par ta' mezzi biss: Iva/Le (1)

5. **Rimarki**

5.1. Tpinġijiet

5.1.1. Ghall-fanali tal-pjanċa ta' registrazzjoni ta' wara: it-tpinġija mehmuża numru …turi l-pożizzjoni geometrika li fiha l-mezz ghandu jitqieghed f'relazzjoni ma' l-ispazju li ghandu jkun okkupat mil-pjanċa ta' registrazzjoni, u l-kontorn taż-żona mdawla kif xieraq;

5.1.2. ghal mezz retro-rifletturi: it-tpinġija mehmuża numru …turi l-pożizzjoni geometrika fejn il-mezz ghandu jkun mpoggi fil-vettura;

5.1.3. Ghal kull mezz ieħorta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl: it-tpinġija mehmuża numru…turi l-pożizzjoni geometrika fejn il-mezz ghandu jitwaħħal fuq il-vettura, u l-assi ta' referenza u c-centru ta' referenza tal-mezz.

5.2. Ghall-headlamps: Il-mod ta'operazzjoni użat matul it-test (punt 5.2.3.9 ta'l-Anness I tad-Direttiva 76/761/KEE): .....

---

(1) Ħassar fejn ma japplikax.


(2) Ghall fanali b'sorsi ta' dawl li ma jinbidlux, indika in-numru u t-total ta' wattage tas-sorsi ta' dawl.

▼**M2**

Appendiċi 3

EŻEMPJU TAL-MARKA TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPONENT

$a \geq 5$ mm



IL-mezz li għandu l-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent murija hawn fuq huwa fanal ta' l-ipparkjar, li ngħata l-approvazzjoni tat-tip fil-Germanja (e1) skond id-Direttiva (00) taħt in-numru bażi ta' approvazzjoni 1471.

▼**M2**

L-ANNESS II

ĦTIĠIET TEKNIĊI

1. Il-ħtiġiet tekniċi huma dawk stabbiliti fil-paragrafi 2.6 sa 9 u l-Annessi 3 sa 5 tar-Regolament UN-ECE Nru 77 li jikkonsisti f'konsolidazzjoni tad-dokumenti li ġejjin:

   — ir-Regolament fil-forma oriġinali tiegħu (00) ([1]).

   — supplimenti 1 u 2 għar-Regolament Nru 77 li jinkludu modifiki ([2]).

   — suppliment 3 għar-Regolament Nru 77 ([3]),

   — suppliment 4 għar-Regolament Nru 77 ([4]).

   minbarra:

1.1. Fejn hemm referenza għar-Regolament Nru 48, din għandha tiġi mifhuma bħala "Direttiva 76/756/KEE".

1.2. Fejn hemm referenza għar-"Regolament Nru 37", din għandha tiġi mifhuma bħala "L-Anness VII tad-Direttiva 76/761/KEE."

([1]) E/ECE/324 / E/ECE/TRANS/505 } Rev. 1/Žid. 76.

([2]) E/ECE/324 / E/ECE/TRANS/505 } Rev. 1/Žid. 76/Emenda 1.

([3]) E/ECE/324 / E/ECE/TRANS/505 } Rev. 1/Žid. 76/Emenda. 21.

([4]) TRANS/WP.29/530.